

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Lulju 2020 – Sony Interactive Entertainment Europe vs EUIPO – Huawei Technologies (GT3)****(Kawża T-421/20)**

(2020/C 287/55)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

**Rikorrenti:** Sony Interactive Entertainment Europe Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: S. Malynicz; QC u M. Maier, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Huawei Technologies Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

**Applikant għat-trade mark kontenzjuża:** il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

**Trade mark kontenzjuża kkonċernata:** Applikazzjoni għal trade mark verbali tal-Unjoni GT3 – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 738 264

**Proċedimenti quddiem l-EUIPO:** proċedimenti ta' oppożizzjoni

**Deċiżjoni kkontestata:** id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-24 ta' April 2020 fil-Każ R 1609/2019-4

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lill-parti l-oħra għall-ispejjeż rispettivi tagħhom u għal dawk tar-rikorrenti.

**Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi naqset milli tidentifika l-pubbliku rilevanti b'mod speċifiku;
- Ksur tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi naqset milli tiegħu inkunsiderazzjoni l-provi fir-rigward tal-perċezzjoni li l-pubbliku rilevanti jista' jkollu tat-trade mark tal-Unjoni preċedenti;
- Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi l-oħra tal-oġġezzjonijiet fir-rigward tal-Artikoli 8(1)(b) u 8(5) imsemmija iktar 'il fuq;
- Nuqqas ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali skont l-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi naqset milli tqis l-elementi l-oħra skont id-dritt dwar l-abbuż tad-denominazzjoni.